MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 673/2012

**GO p.l.c. (C-22334)**
**Vs**
**Orion Communications Services Ltd (C-16428)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu gie premess illi s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u erbghin ewro u tmintax-il centezmi (€940.18) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C10061446 moghtija mis-socjeta' attrici u dank if ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza u skont l-annessi dokumenti Dok IZY1 u Dok IZY2 prospett u applikazzjoni ghas-servizz relattiv;  illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kella ssir din il-kawza;  bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma deher rapprezentant ghas-socjeta’ ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li giet pprezentat nota ta’ riduzzjoni mis-Socjeta’ attrici nhar is-17 t’ Ottubru, 2012, permezz ta’ liema nota s-socjeta’ attrici rriduciet t-talba bi tlett mitt ewro (Eur 300) sabiex l-ammont dovut gie sitt mija u erbghin ewro (Eur 640).

Ra li gie pprezentat kapitolu fil-15 ta’ Novembru, 2012, mill-Avukat Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont ridott ta sitt mija u erbghin ewro (Eur 640).’ U dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**Av. Dott. Katja Psaila Savona, LL.M (Lond.) LL.D.**
**Gudikatur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------